MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 13/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Galea**
**Antonia Galea**
**Christopher Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Galea, Antoine Galea u Christopher Galea talli fil-5 ta' Novembru 2001, ghall-habta tas-6.30pm fil-Mosta:

1) volontarjament kisru l-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku;
2) qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti, jew ghamlu gesti jew atti oxxeni;

3) hebbew kontra l-persuni ta’ Joe Charlie Ron Mamo, Evelyn Mamo u Domenica Mamo ilkoll mill-Mosta, sabiex jingurjaw, idejqu jew jaghmlu hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor;
4) ghamlu lil haddiehor u cioe` lill-persuni msemmija, ingurji jew theddid;
5) ikkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq l-istess persuni skond ma ccertifika Dr. Ivan Cacciatolo M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;
6) volontarjament hassru, ghamlu hasara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-detriment tal-persuni msemmija;

Il-Qorti giet mitluba li, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tas-Sinjuri Mamo jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat. Turbot lill-imsemmijin Joseph Galea, Antonia Galea u Christopher Galea b’obbligazzjoni taghhom infushom taht penali ta’ somma ta’ flus;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Jannar 2006 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 221, 325(b), 338(dd), 338(bb), 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmijin Joseph Galea, Antonia Galea u Christopher Galea hatja ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u kkundannathom ghall-hlas ta’ multa ta' mija w hamsin liri Maltin (Lm150) kull wiehed. Inoltre obbligathom li ma jkellmux, ma jimmolestawx, ma jingurjawx u ma jheddux “lil Joe Mamo”, lil Charlie Mamo, lil Ron Mamo” (*sic!*), lil Evelyn Mamo u lil Domenica Mamo ghal perijodu ta’ sena mid-data tas-sentenza taht penali ta’ mitt lira fin-nuqqas ai termini ta’ l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Joseph Galea, Antonia Galea u Christopher Galea pprezentat fit-30 ta’ Jannar 2006, li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tilliberahom minn kull htija w piena u tilliberahom, u fin-nuqqas tirriforma l-piena billi tnaqqas il-piena nflitta minhabba l-element ta’ provokazzjoni ta’ reat da parti tal-kwerelanti Mamo u dan a tenur kemm ta’ l-artikolu 221(1)

u wkoll ta’ l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 fil-konfront ta’ l-appellanti kollha u dwar l-appellanti Antonia Galea u Joseph Galea tilliberahom mill-imputazzjonijiet li jirrigwardaw l-applikazzjoni ta’ l-artikoli 221 u 325 ta’ l-istess Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ma ghamlitx sew l-apprezzament tal-provi ghax kienu l-kwerelenti li pprovokaw incident fejn weggghu lill-istess appellanti Antonia Galea u binha Christopher Galea; (2) ma setghux jinstabu hatja taht l-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali meta kien hemm provokazzjoni b’ reat da parti tal-kwerelanti Mamo; (3) kien hemm dubju serju dwar il-verzjoni tal-kwerelanti Mamo dwar il-hsara fuq ix-xatba specjalment meta l-istess appellanti Antonia Galea kienet feruta; (4) l-artikolu 339(1)(e) kellu japplika ghall-kwerelanti Mamo u mhux ghall-appellanti.

Dan kollu jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida,

jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Issa, l-ewwel Qorti qieset illi l-appellanti kienu hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom wara li ghaddiet in rassenja l-provi kollha migbura, osservat il-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet u kkunsidrat is-segwenti:

"Illi pero' din il-Qorti hija f' posizzjoni ferm aktar favorevoli hdejn Qrati ohra ghaliex ghexet il-process hi stess u ghalhekk setghet taghmel apprezzament tax-xhieda li xehdu, l-imgieba taghhom, tal-mod kif iddeponew u ta' kull interess li seta' kellhom. Hija wkoll rinfaccata b' ritratti li mhux kontestati mill-partijiet, minn certifikati medici u dokumenti ohra.

....

Il-kwerelanti jghidu li l-imputati kienu qed jippruvaw idahhlu l-ispeed boat taghhom fil-garaxx u kien meta ma rnexxilhomx idahhluha li l-ispeed boat spiccat fil-hajt taghhom, li l-istess kwerelanti ntebhu b'dak li kien ghaddej minhabba l-hoss li d-dghajsa ghamlet bl-impatt. Illi l-kwerelanti wkoll jghidu li l-imputati qalghu r-rixtellu u fil-fatt r-rixtellu jidher fir-ritratti esibiti, mixhut ma l-art, li l-imputati tefghu z-zejt mal-art u dan ukoll del resto jikkonfermaw ic-certifikati medici u li spiccaw mal-art kif jidher miz-zejt muri fuq hwejjighom fl-istess ritratti esibiti.

L-imputati jghidu li kienu huma li gew assaltjati u li kienu l-kwerelati stess li tefghu z-zejt; pero' haga tal-

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

iskantament, m' ghamlu ebda rapport dwar dan; haga mprobabbli li ser ihammgu l-propjeta` taghhom stess, u li qalghu x-xatba taghhom huma stess b'rabja.

Il-Qorti ma thossx li l-imputati kienu veritjeri f'dak li qalu anke minhabba l-fatt li hafna mid-domandi li ghamlet il-Qorti lilhom baqghu bla risposta"

Din il-Qorti ezaminat il-provi mismugha mill-ewwel Qorti u hija tal-fehma li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment temmen il-verzjoni tal-kwerelanti. Bhalma osservat hija stess kellha l-vantagg li tara u tisma' x-xhieda u b' hekk taghmel il-valutazzjoni taghha skond l-artikolu 637 tal-Kap. 9. Hekk, per ezempju, Joseph Galea mhuwiex kredibbli meta jghid illi ghalkemm jaf illi l-kwerelanti kellhom xi grif ma jafx minn fejn gie. Mhuwiex verosimili illi l-kwerelanti se jkissru x-xatba taghhom stess u jaqilbu z-zejt ghal gol-bitha jew gardina taghhom stess. Id-daqqa ta' gebla li Antonia Galea laqtet sehh waqt dan l-incident li, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma giex provokat mill-kwerelanti izda mill-istess appellanti li kkonfrontaw lill-kwerelanti meta dawn nizlu jaraw xi hsara kienet saret fil-hajt taghhom. Ghal dak li garrbet Antonia Galea jridu jwiegbu l-kwerelanti izda dak ma jnaqqasx mir-responsabbilta` ta' l-appellanti ghar-reati dedotti kontra taghhom.

Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija dik tal-multa nonostante illi l-piena stabbilita fl-artikolu 325 fejn il-piena tiskorri l-ghaxar liri (Lm10) hija dik ta' prigunerija u dik ghal offizi ta' natura hafifa hija ta' prigunerija jew multa. Ghalhekk l-ewwel Qorti mponiet piena taht il-*minimum* minghajr ma rreferiet ghall-artikolu 21 tal-Kap. 9. Izda l-Avukat Generali ma nterpona l-ebda appell minn din is-sentenza. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk m' hemmx lok li tinbidel il-piena.

Kwantu ghall-obbligazzjoni taht l-artikolu 383 tal-Kap. 9 li mponiet l-ewwel Qorti, jigi osservat illi Joseph Charlie Ron Mamo huma persuna wahda u mhux tliet persuni kif erronnejament indikat l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b' dan li l-obbligazzjoni skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 ghandha ssir bil-mod infraskritt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------